**135. Il-Prim Ministru, l-Onor. Dom Mintoff, jipproponi din ir-Riżoluzzjoni:**

## KIRI TA' ART TAL-GVERN LIL MALTA INSURANCE BROKERS LTD.

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta bi ħsiebu jikri lil Malta Insurance Brokers Limited, il-post Numri 33 u 34, Marsamxett Road, Valletta, deskritt aħjar fl-Abozz ta' Ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, għaż-żmien, bil-kera u taħt il-kundizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tas-Subartikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjeta' tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-post Numri 33 u 34, Marsamxett Road, Valletta, jista' jiġi mogħti lill-imsemmija kumpanija, Malta Insurance Brokers Limited, għaż-żmien, għall-iskop u skond il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-abbozz li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra.

06.07.1978